# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 11 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 5**

**Citaz. Nru. 645/01GV**

**Xuereb Installations Limited**

**vs**

**S.A. Construction Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici versu s-socjeta' attrici fis-somma ta' tlett elef, hames mija u tmienja u disghin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm3,598.93), import ta' seba' kambjali skaduti debitament accettati u mhux onorati, liema kambjali qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati Dokumenti A - G;

Premess illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas, izda baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista ta' l-affidavit ta' Frank Xuereb (Dok. H) talbet lil din il-Qorti:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef hames mija u tmienja u disghin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm3,598.93) import ta' seba' kambjalijiet

skaduti, debitament accettati u mhux onorati, liema kambjali qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati Dokument A - G;

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**